TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru. 63

Kaz Nru. 75

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
is-Sur Emanuel Falzon
u
Messrs. Dewdrops Night Club,
Paceville.

Data : 6 ta' Marzu, 1980.

Chairman : C.J. Mallia.

Wara illi s-Sur Emanuel Falzon, Barman, kien kiteb fit-22 ta' Ottubru, 1979, lill-Ministru tax-Xoghol, Kultura, u Ghajnuna Socjali, fejn talab li l-kaz tat-tkeccija tieghu jigi mressaq quddiem it-Tribunal Industrijali, il-Ministru, fit-12 ta' Novembru, 1979, irriferiet din il-kwistjoni lil dan it-Tribunal, taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976.

2. Il-partijiet. Is-Sur Emanuel Falzon kien assistit mis-Sur A.J. Tabone, Konsulent Industrijali. Ghad-Dewdrops Night Club dehru s-Sinjuri Albert Galdes u Francis Sciberras, Partners f'dan in-Night Club, assistiti mis-Sur Joseph Fenech, Accountant taghhom.

3. Seduti u xhieda. Inzammu b'kollox hames seduti biex instemghu d-diversi aspetti tal-kaz. Instemghet bil-gurament ix-xhieda ta' dawn is-sinjuri, kollha fuq talba ta' l-appellant:

/2. .....

Is-Sur Joseph Brincat, li kien Barman ukoll fid-Dewdrops, issa mkecci.

Is-Sur Emanuel Falzon in-nifsu.

Is-Sur Albert Galdes, fuq imsemmi, wiehed mill-partners fid-Dewdrops.

4. Il-kaz. Is-Sur Emanuel Falzon kien gie mpjegat bhala Barman, full-time, fid-Dewdrops Night Club, Paceville, fl-1 ta' Gunju, 1978. Ma gie stipulat ebda tul ta' impieg, u ma gie miftiehem xejn dwar 'probation' (u allura operat dik ta' tlett xhur li ssemmi l-ligi li tirregola l-impieg). Fit-2 ta' Jannar, 1979, id-Dewdrops Night Club gie maghluq fuq ordni tal-Pulizija, meta inevitabilment kellhu jieqaf l-impieg tas-Sur Falzon. Fl-4 ta' Mejju, 1979, id-Dewdrops rega' fetah ghan-negozju, b'hinijiet ufficjalment imnaqqsa ghal erbgha sighat (8p.m. sa nofs il-lejl). Is-Sur Falzon rega' gie immedjatament impjegat bhala Barman fid-Dewdrops, imma issa bhala part-time. Dan l-hekk imsejjah impieg mill-gdid sar fit-28 ta' Mejju, 1979. Ftit zmien wara, u ezattament fit-12 ta' Lulju, 1979, is-Sur Falzon gie mkecci minn dan l-ahhar impieg tieghu ta' part-time Barman fid-Dewdrops Night Club. Fic-certifikat ta' temm ta' l-impieg, moghti lid-Dipartiment tax-Xoghol, ir-raguni ghaliex Mr. Falzon spicca mix-xoghol giet moghtija hekk : "Mishandling of duties". Din hija raguni vaga, u t-Tribunal ma ghandux informazzjoni kemm id-Dipartiment tax-Xoghol gharbilha qabel mal-kaz gie quddiem it-Tribunal. Izda, fit-trattazzjoni tal-kaz, l-employers qalu li, wara lmenti li kellhom u wara kontrolli li ghamlu, huma sabu li Mr. Falzon kien qieghed jaghti grokkijiet nieqsa u ghalhekk keccewh.

5. Eccezzjoni. Amieni fis-smiegh tal-kaz, is-Sinjuri Galdes u Sciberras qajjmu eccezzjoni ta' natura preliminari.

Huma qalu li, billi s-Sur Falzon kien rega' gie mpjegat mill-gdid, u b'kundizzjonijiet godda, fit-28 ta' Mejju, 1979, allura fit-12 ta' Lulju, 1979, huwa kien ghadu fiz-zmien tat-tlett xhur prova li tipprovdi l-ligi, u ghalhekk setgha jigi mkecci minghajr dritt ta' appell. It-Tribunal, ra l-artikolu 25 ta' l-Att Nru. XI ta' l-1952 li jirregola l-kondizzjonijiet ta' l-impieg, u partikolarment is-sub-artikolu 25 (2) ta' dak l-Att, li jghid li kull impjegat li jkun rega' gie hekk impjegat ghandu jitqies li kompla fl-impieg tieghu, minkejja it-temm ta' impieg li jkun sar fuq redundancy. Ghalhekk, b'digriet tal-14 ta' Frar, 1980, it-Tribunal iddecieda li s-Sur Emanuel Falzon ma kienx 'on probation' mad-Dewdrops meta huwa tkecca fit-12 ta' Lulju, 1979.

6. Fatti tal-kaz. Il-fliexken koncernati f'din il-kwistjoni dwar "short measure" kellhom dak il-kejl awtomatiku msejjah optik. L-employers sostnew li l-optiks li kienu juzaw huma kellhom jaghtu 32 grokk minn kull flixkun. Qalu li, b' tests li ghamlu, huma sabu li Mr. Falzon kien qed johrog 38 grokk minn kull flixkun, u ghalhekk il-klijenti kienu qed jiehdu "short measure". Dan, komplew jghidu, ma setghax ma jaghmilx hsara lill-business taghhom. Dwar dawn it-tests, u dwar il-konkluzzjonijiet li l-employers hargu minnhom, jinghad izjed hawn taht, fil-paragrafu 9.

7. L-optik. Fuq talba tat-Tribunal, ingab flixkun mimli ilma, b'optik imwahhla fuqhu, u dan gie ppruvat fl-Awla tat-Tribunal minn diversi idejn. L-optik uriet car li hija kapaci li zzomm xi ftit xorb fiha jekk wiehed jitlaqha mument qabel. Kien ukoll ovvju li, aktar ma wiehed ikun espert, aktar jista' jsir dan il-qerq. Mid-diversi xhieda, hargu opinjonijiet dwar il-hajja utili ta' l-optik. Min qal sena, u min qal minn 3 sa 4 xhur, skond jekk tkunx

f'post ta' hafna business jew le. Intqal li t-tapp, il-valve, u partijiet ohrajn tal-optik biz-zmien isiru difettusi, u l-optik tibda tqattar. Intqal li f'certi stabbilimenti kien hemm 'allowance' ta' xi tlett grokkijiet kull flixkun ghal qtar, spillage, eccetra. Minn naha tas-Sur Falzon intqal li l-optiks fid-Dewdrops qatt ma mbidlu kemm dam impjegat hemm hu, u dan ma giex ikkontestat mill-Management tad-Dewdrops.

8. Fiducja. Fattur li kien jirregola r-relazzjonijiet bejn is-Sur Falzon u l-employers tieghu fid-Dewdrops, qabel ma hu gie sfiducjat, kien il-fiducja. L-employers qalu aktar minn darba li huma kellhom fiducja fl-impjegat, kif hu qal li kellhu fiducja fihom. Din il-fiducja donnha kienet hi r-raguni ta' certa laxkezza li biha kemm is-cellars tax-xorb, kif ukoll il-flus, thallew minghajr gheluq. Dan setgha kellhu effett fuq id-diskrepanzi li l-Management qal li sab l-Accountant tieghu meta ghamel certi kontrolli.

9. It-tests. It-tests li l-Management qal li ghamel kienu semplici u diretti hafna:kien jibghat jordna grokkijiet, minghajr ma jgħid ghal min huma, u jferraghhom go flixken vojta. Wara madwar xahar, qalu s-Sinjuri Galdes u Sciberras, irrizulta li flixkun whisky jew brandy gie jesgha 39 grokk, flok 32 kif suppost. Minn dan huma kkonkludew li l-Barman kien qed jaghti n-nieqes. Izda f'tests immexxijin hekk wiehed mhuwiex gustifikat 'to jump to conclusions'. Hemm minghajr kontroll mhux biss dak il-hin qasir bejn li jitferragh il-grokk u li jasal ghand min ordnah, imma wkoll dak iz-zmien wisq itwal li matulhu l-flixkun kien qed jircievi dawk il-grokkijiet sakemm jimtela. F'dawn il-hinijiet, fil-qasir u fit-twil, mhux impossibbli li xi ftit spirtu jixtered jew jinxtorob. Ghalhekk dawn it-tests ma jistghux jitqiesu bhala prova konklusiva.

10. Twissijiet. Imhabba s-serjeta' ta' l-impieg, it-Tribunal jinsisti li tkeccija mhux bizzejjed li tkun gustifikata, imma qabilha,iridu jkunu inghataw numru xieraq ta' twissijiet sodi. Dan hu mehtieg dejjem, hlief f'kazi gravissimi u eccezzjonali, li mill-istess natura taghhom,ma jkunux jammettu l-ghoti ta' twissijiet. Dan il-kaz mhuwiex wiehed minn dawn l-eccezzjonali. L-applikant qal, taht gurament, li hu qatt ma gie mwissi fuq xejn qabel tkecca. Is-Sur Galdes dan ammettieh, u qal li huma qatt ma wissew lis-Sur Falzon ghaliex kellhom fiducja shiha fih. Dan ma jiggustifikax li tkecci mpjegat bla twissijiet qabel, anqas jekk ikollok raguni bizzejjed biex tkeccih. Barra minn hekk, ir-raguni tal-fiducja (li bla dubbju jidher li tassew kien hemm bejn il-partijiet) ma baqghetx issehh sa l-ahhar, ghaliex meta l-Management beda bil-mohbi jkejjel il-grokkijiet il-fiducja kienet ovvjament spiccat.

11. Konkluzjonijiet. It-Tribunal thalla b'diversi dubbji kemm dwar il-kejl tax-xorb u kemm dwar cash. Izda, minhabba dawk il-fatturi li ivvizzjaw it-tests (para. 9 hawn fuq), kif ukoll minhabba n-nuqqas ta' 'warnings' (para. 10 hawn fuq), it-Tribunal ma jistax hlief jasal ghall-konkluzżjoni li t-tkeccija tas-Sur Emanuel Falzon mill-impieg tieghu ta' part-time Barman mad-Dewdrops Night Club ma kienetx iggustifikata.

12. AWARD. Ghalhekk it-Tribunal isib favur Mr. Emanuel Falzon, u jordna

(a) li c-certifikat ta' temm ta' impieg moghti lid-Dipartiment tax-Xoghol jigi mhassar mir-records ta' dak id-Dipartiment;

/6. .....

(b) li c-certifikat iffirmat mis-Sinjuri A. Galdes u F. Sciberras, bid-data 13 ta' Lulju, 1979, jigi wkoll inhassar mir-records ta' kull fejn jezisti, u flokhu l-istess zewg sinjuri li ffirmawh johorgu sal-14 ta' Marzu, 1980, iehor li jsemmi biss iz-zmien kollhu li fih is-Sur Falzon kien impjegat bhala Barman fid-Dewdrops, kemm full-time kif ukoll part-time; u

(c) li l-Management tad-Dewdrops Night Club, Ball Street, Paceville, ihallsu lis-Sur Emanuel Falzon, mhux aktar tard mill-21 ta' Marzu, 1980, is-somma ta' £M80 (tmenin lira maltin) bhala kumpens dwar it-tkeccija.

(C.J. Mallia)
Chairman

(A. Bartolo Parnis)
Segretarju

6 ta' Marzu, 1980.

em